MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2015

Rikors Numru. 286/2015

**Alexander Cassar**

**vs**

**Paul Mangion**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors Revoka ta’ Paul Mangion (K.I. 599477M) datat 25 ta’ Marzu 2015 fejn espona: -

Illi l-esponenti gie servut bil-mandat ta' sekwestru sovra citat li permezz tieghu l-flus iddepozitati fil-kont li jgibu l-ammont ta' tlettax-il elf seba’ mija u dsatax-il ewro u tlieta u tletin centezmu (€13,719.33) fil-fergha tal-Bank of Valletta gewwa Birzebbuga bin-numri 40011592884, 40018021552, 40019998875 u 40020566490 gew imblokkati.

Illi bid-dovut rispett dan il-mandat ma kienx rikjest *stante* illi:

a. Minghajr ma wiehed jidhol fil-mertu, huwa l-esponenti li qed jitlob li jithallas minghand ir-rikorrenti u dan permezz ta' kawza bin-numru 122/2015 fl-ismijiet Paul Mangion vs Alexander Cassar;

b. Illi l-oggetti mertu tal-kawza li permezz tieghu l-esponenti qed jitlob il-hlas jinsabu kollha f’ idejn l-istess rikorrenti.

c. Illi l-esponent huwa bniedem ta' negozju u filwaqt li jigi sottomess illi hemm proprjeta` ohra li r-rikorrenti seta' jesegwixxi sabiex jikkawtela kwalunkwe pretensjoni li jista’ jkollu, il-fatt illi s-sekwestru sar fuq flus dan sar sabiex jivvessa lil esponenti u jpoggi n-negozzju tieghu fi krizi.

d. Illi l-ammont pretiz huwa wiehed esagerat u ma hux dovut *stante* illi huwa l-esponenti illi ghandu jiehu minghand l-intimat u mhux vici versa.

Illi ‘l fuq espost juri b'mod car illi l-esekuzzjoni tal-mandat saret b'mod mghaggel u b'intiza cara illi jpoggi lil intimat f’ pozizzjoni prekarja u dan peress illi gie limitat mill-fondi sabiex ikompli jezercita l-professjoni u gestjoni tax-xoghol tieghu.

Illi ghall-istess ragunijiet hemm ragunijiet bizzejjed sabiex jigu applikati s-sanzjonijiet ta' l-Artikolu 836 subinciz (1) (b), (c), (d) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, l-esponent, filwaqt li jgib 'il fuq espost a formali konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, jitlobha bir-rispett sabiex, *contrario imperio* (1) tordna illi *ai termini* tal-Artikolu 836 subinciz (1) (b), (c), (d), u (f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghar-ragunijiet infraskritti, dan il-mandat bin-numru 403/15, li permezz tieghu gie awtorizzat s-sekwestru tal-ammont sovra indikat jithassar u dan skont dawk il-provvidimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni (2) tordna illi l-flus imblokkati jigu rilaxxati a favur l-esponent sabiex huwa jkun jista' jibqa’ jmexxi n-negozzju tieghu.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tad-9 ta’ April 2015.

Rat ir-risposta ta’ Alexander Cassar datata 8 ta’ April 2015 (fol 4) fejn espona :-

IIIi l-esponenti ma jaqbilx mar-rikorsipprezentat mir-rikorrenti u dan peress li l-esponenti huwa kreditur kif se jirrizulta fl-ammont ta'

€13,719.33, u dawn jirrapprezentaw hlas zejjed li ghamel l-esponenti fuq diversi vetturi li huwa xtara minghand ir-rikorrenti;

2. IIIi *di piu'* minhabba mandat ta' qbid kawtelatorju l-oggetti mertu tal-kawza gew elevati minghand l-esponenti u qeghdin fil-pussess tar-rikorrenti b'dan li l-esponenti qieghed jgorr ir-riskju li jekk jispicca jigi dikjarat kreditur tar-rikorrenti huwa jispicca ma jistax jezegwixxi s-sentenza tieghu ghaliex anke l-oggett mertu tal-kawza jkun qieghed fil-pussess tar-rikorrenti. Dan huwa xenarju ingust li l-esponenti jista' eventwalment jigi dikjarat kreditur tar-rikorrenti b'dan li anke l-karozzi tieghu u cioe' l-oggetti tal-kawza qeghdin maqbudin a favur ir-rikorrenti b'mandat ta' qbid kawtelatorju;

3. Illi *se mai* jekk ir-rikorrenti jahseb li l-ammont pretiz huwa esagerat allura jrid jigi ppruvat haga li ghadu m'ghamilhiex u li jirrizulta mill-provi pprezentanti fl-atti tal-kawza li l-esponenti hallas iktar minn kemm kien dovut ihallas u li b'hekk ghandu jiehu l-ammont ta' €13,719.33 lura;

4. Illi f'kull kaz l-esponenti bilfors kellu jaghmel mandat ta' sekwestru biex ikun jista' jikkawtela d-drittijiet tieghu u dan peress li r-rikorrenti ma ipproponiex kif jista' jikkawtela l-istess dritt ta' l-esponenti *ai termini* ta' l-Artikolu 836(l)(c) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u kieku stess ladarba jkun hemm depozitati l-ammont kollu fil-Qorti ma jkunx hemm problema biex jinhareg kontro-mandat, f’ kull kaz ghalhekk jekk din il-Qorti tilqa' r-rikors tar-rikorrenti qieghed jintalab biex ta' l-inqas tinghata garanzija ohra xierqa biex l-esponenti jikkawtela d-drittijiet tieghu.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta inkluz dak tas-7 ta’ Mejju 2015 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr.

Josephine Farrugia Mifsud ghar-rikorrent odjern u Dr. Caroline Farrugia Frendo ghall-intimat. Dr. Farrugia pprezentat *seduta stante* kopja legali ta’ rikors guramentat, tar-risposta guramentata, kontro- talba u risposta fl-atti tal-kawza 57/2015 fl-ismijiet Paul Mangion vs Alexander Cassar. Id-difensuri tal-partijiet qablu li hemm kawza wahda pendenti bejn il-partijiet li hija 57/2015. Il-Qorti ddifferixxiet r-rikors ghad-digriet ghad-9 ta’ Gunju 2015.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi dan hu rikors ipprezentat minn Alexander Cassar ghar-revoka ta' Mandat ta' Sekwestru bin-numru 403/15[1] li inhareg fuq talba tal-intimat ezekutant Paul Mangion fid-9 ta' Marzu 2014 in kawtela tal-ammont ta' €13,719.33 rappresentanti pagamenti eccessivi maghmula lis-sekwestrat fuq diversi vetturi u dan skont kontro-talba ippresentata fl-atti tal-kawza 57/15 JPG fl-ismijiet *Paul Mangion v Alexander Cassar.*

Illi jirrizulta mill-atti li r-rikorrent odjern ippresenta Rikors Guramentat fl-ismijiet **Paul Mangion v Alexander Cassar** sabiex jigi kanonizzat kreditur kontra l-intimat fl-ammont ta' €12575 (Rik.Gur.57/2015) rappresentanti bilanc ta' somma akbar, prezz ta' bejgh ta' vetturi lill-intimat u spejjez konnessi. Il-konvenut Alexander Cassar ippresenta **Kontro-Talba** li permezz tal-istess iddeduca pretensjoni ghall-hlas tal-ammont ikkawtelat bil-mandat ta' sekwestru in kwistjoni,rappresentanti hlas eccessiv fuq il-vetturi, mertu ta' dik il-kawza.

[1] Esebit a fol.35 u 36 tal-process.

**<u>Konsiderazzjoni ta' Dritt</u>**

Illi dan ir-rikors qed issir abbazi tal-**artikolu 836(1)(b),(c) (d) u (f) tal-Kap 12 li jipprovdi:**

*“**836.** (1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih jista’ jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l- att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista’ jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda tittratta dik il-kawza li fih jitlob li l- att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox jew f’parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:*

*(b) li wahda mill-htigijiet tal-ligi ghall-hrug tal-att kawtelatorju ma tkunx ghadha fil-fatt tezisti,*

*(c)  jekk jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta’ min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju sew bil-ħruġ ta’ att kawtelatorju ieħor jew inkella dik il-garanzija oħra tista’ għas-sodisfazzjoni tal-qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni*;

*(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx'prima facie' gustifikat jew ikun eccessiv; jew*

*(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli.”*

Ir-rikorrent jargumenta li hu stess huwa kreditur tal-intimat ezekutant. Jghid li hu bniedem tan-negozju. Inoltre issottometta li hemm proprjeta' ohra li seta' jiggarantixxi l-kreditu pretiz izda l-fatt li s-sekwestru sar fuq flus sar sabiex jivvessah u jpoggi n-negozju tieghu fi krizi.

L-intimat oppona ghat-talba. Eccepixxa li l-hlas zejjed jirreferi ghal diversi vetturi li inqabdu mill-poter tieghu u issa jinsabu fil-pussess tar-rikorrent odjern. Inoltre l-mandat hu mehtieg billi r-rikorrent odjern ma ipproponiex kif jista' jikkawtela d-dritt pretiz mill-ezekutant.

Illi kif inghad bosta drabi fi proceduri bhal dawn, l-istharrig li ghandha taghmel il-Qorti huwa biss wiehed *prima facie* u dan ghaliex il-mertu jmissu jigi mistharreg fil-kawza proprja bejn il-partijiet. (Ara P.A. (RCP) 7 ta' Frar 2001 **"Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co Ltd"**). Illi ghandu jinghad ukoll illi dak li l-Qorti trid tasal ghalih f'dawn il-proceduri ma ghandu bl-ebda mod jitqies li jkun qieghed isir xi gudizzju fil-mertu dwaru. L-istharrig mehtieg fi proceduri bhal din huwa marbut ma ezami x'aktarx formali ta' l-att li tieghu qieghed jintalab ir-revoka. Il-Qorti ghandha tistharreg li r-rekwiziti mitluba mil-ligi ghall-hrug tal-mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nharigx b'mod abbuziv. (ara Kumm. GMA 23 ta' Gunju 1994: **"Paul Hili *et* vs Dr. Joselle Farrugia *nomine et*"**). Illi dan ifisser illi l-Qorti ghandha tistharreg fl-ewwel lok jekk jirrizultax mad-daqqa t'ghajn li r-rikorrent ezekutant ghandu bazi ta' pretensjoni. Il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja ma ghandux jigi mxejjen jew imgarrab b'leggerezza u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha sakemm il-jedd sostantattiv lilha kontestat jigi definit minn Qorti. (**"Vincent Mercieca vs George Galea"** – P.A. (RCP) 29 ta' Novembru 2001; **"Technobroadcast s.r.l vs Mediterranean Broadcasting Limited"** – P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2007).

Il-Qorti ser tghaddi biex tezamina is-subartikli ccitati mir-rikorrent fid-dawl tal-fatti li ghandha quddiemha.

**Art.836(1)(b)**

Din id-dispożizzjoni, skont il-kliem użat fiha, ġiet imfissra bħala riferenza għal xi waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju li kienet teżisti fil-waqt tal-ħruġ tal-istess att iżda li, wara l-ħruġ tal-istess Mandat, ma baqgħetx teżisti iżjed[2]. Għalhekk, jekk wieħed irid jimxi ma' tali tifsira, wieħed irid juri li l-ħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat trid tkun naqset wara li nħareġ l-att.

Illi l-ħtiġiet li l-liġi proċedurali titlob sabiex persuna tista' toħroġ Mandat kawtelatorju huma li (a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinħareġ il-mandat; (b) li (flimkien mal-att jew fi żmien preskritt wara) ssir kawża li fiha tiġi mistħarrġa sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt, (ċ) li l-Mandat irid ikun iħares ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi dwar il-ħruġ tiegħu u (d) li tali Mandat jinħareġ u jiġi esegwit taħt ir-responsabbilta' tal-persuna li tkun talbitu.

Mill-atti li ghandha quddiemha l-Qorti, ma jirrizultax li dan is-subartiklu jista' jigi applikat ghall-kaz tar-rikorrent. Da parti tieghu r-rikorrent ma indikax li xi wiehed minn dawn il-kweziti huwa llum nieqes.

**Artiklu 836(1)(c)**

[2] **Dr.Tonio Fenech noe et. v Dr. Patrick Spiteri noe et noe. (**PA GC- 3.8.2001)

Riferibbilment ghal dan is-subartiklu r-rikorrent ippremetta li li hemm proprjeta' ohra li tista' tikkawtela l-pretensjoni tal-intimat minghajr ma indika x'inhi din il-garanzija alternattiva. Jispetta lilu biex jindika lill-Qorti liema alternattiva idoneja hija disponibbli, u dan ma ghamlux**.**

**836(1)(d)**

Riferibbilment ghall-artikolu **836(1)(d)** fid-decizjoni **"Casino-For-Me Limited vs Chartwell Games (Malta) Limited"** (P.A. (A.L) 5 ta' Settembru 2008) inghad li bid-disposizzjoni tal-**artikolu 836 (1)(d)** dak li ghandu jigi ezaminat huwa jekk mad-daqqa ta' ghajn ir-rikorrenti ezekutant ghandux bazi ta' pretensjoni ("*fumus juris*")*.* Persuna ghandha dritt li tikkawtela l-interessi taghha u dan sakemm il-pretensjoni dwar id-dritt sostantattiv tigi eppurata u deciza fil-kawza proprja bejn il-partijiet.

Din il-Qorti hi tal-fehma li l-intimat irnexxielu jipprova, almenu *prima facie,* li ghandu pretensjoni kawtelabbli. Ir-rikorrent lanqas qed jallega li l-mandat hu eccessiv imma li l-mandat ma kellux isir billi sar b'mod imghaggel u b'intiza li tpoggih f'posizzjoni prekarja billi llimitatlu l-likwidata mehtiega ghal-gestjoni tan-negozju tieghu.

Izda anke dwar dan il-punt, ir-rikorrent ma ressaq l-ebda prova in sostenn tal-allegat diffikolta li qed jinsab fih effett tal-mandat.

Hu risaput li l-Mandati kawtelatorji ghandhom skop preciz u jridu jintuzaw biex jigu salvagwardjati l-interessi ta' min jitlob il-hrug taghhom, u mhux biex jissikkaw il-pretiz debitur jew ghall-pika jew bi hsieb malizzjuz iehor. Kreditur ghandu dritt jitlob il-hrug ta' kull mandat permess bil-ligi, pero', ghandu jikkontrolla l-effetti taghhom hu stess u jekk jara li hu kopert aktar milli hu mehtieg, ghandu jirregola ruhu u jitlob hu stess it-tnaqqis jew thassir ta' xi mandat partikolari. Il-mandati m'ghandhomx jintuzaw bhala magna ta' estorsjoni, izda bid-debita prudenza, u l-abbuz jista', u ghandu, jigi sanzjonat bl-imposizzjoni tal-penali.[3]

Izda f'dan il-kaz, xorta jibqa' li t-talba mressqa mir-rikorrent hija nieqsa minn kwalsiasi prova li tista' ssostni l-allegazzjoni tieghu. Jinkombi fuqu li jressaq il-prova li l-mandat odjern ghandu jitnehha abbazi ta' dan is-subartiklu.

**Artikolu 836(1)(f)**

Illi din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz "***Spiteri v Darmanin"*** - (PA(JRM) dec. fil-25 ta' Awwissu 2010 ma hallietx dubju dwar l-interpretazzjoni korretta ta' dan is-subartikolu u rritieniet: *"Illi jingħad ukoll li d-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li,* ***wara l-ħruġ tal-Mandat,*** *tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ[4]. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni,*

[3] **Josephine Sammut v Emmanuel Sammut et.** (PA-TM - 3.7.2003).

[4] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***"Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri et noe et"***

*liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ*;"

Il-Qorti taqbel ma' din l-interpretazzjoni. Effettivament ghandu jirrizulta lill-Qorti li kien hemm xi tibdil fic-cirkostanzi sabiex twassalha biex tiddeciedi li mandat li kien ragjonevoli *ab inizio*, jew gustifikabbli, issa m'ghadux.

Sabiex issir din l-analiżi wieħed irid iqis jekk mid-data tal-ħruġ tal-mandat għadhomx jissussistu l-kundizzjonijiet għall-ħruġ tal-Mandat li huma imsemmija fit-trattazzjoni tas-subinciz 836(1) (c) aktar il-fuq f'din is-sentenza.

Ma jirrizultax li kien hemm xi tibdil f'dawn il-htigijiet.

Illi minn dak li ghandha quddiemha l-Qorti f'dawn l-atti ma jirrizultax li r-rikorrent irnexxielu juri li t-talba tieghu tista' tigi inkwadrata fic-cirkostanzi mahsuba f'dawn is-subartikli ccitati. Essenzjalment hu jilmenta li qed izomm il-vetturi, mertu tal-kawza f'idejh, u li hemm proprjeta' ohra li tista' tikkawtela l-pretensjoni tal-intimat ezekutant. Sadanittant kif gja kkonsidrat minn din il-Qorti, baqa' ma ressaq l-ebda prova dwar liema proprjeta' ohra tista' tiggarantixxi l-kreditu pretiz tal-intimat. Anzi l-istess intimat hu gustifikat meta jghid li l-mandat odjern hu mehtieg bhala kawtela tal-pretensjoni tieghu ghaliex lanqas il-vetturi, oggett tat-talbiet reciproci bejn il-kontendenti huma fil-pussess tieghu.

Fid-dawl tal-premess din il-Qorti ser tghaddi biex tichad it-talbiet bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi **Tichad it-talbiet** *stante* li huma infondati fil-fatt u fid-dritt u tikkonferma l-Mandat ta' Sekwestru 403/15 fl-ismijiet ***Alexander Cassar v Paul Mangion.***

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent odjern.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------